MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TAL-INGUSTIZZJI MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**FARRUGIA SACCO LINO**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2002

Rikors Numru. 110/1997/1

Joseph Bartolo
vs
Korporazzjoni Enemalta

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' April 1989, ir-rikorrent sofra minn ingustizzja, peress li ma nghatax promotion ghall-WTO mal-Korporazzjoni Enemalta minkejja l-fatt li kellu l-kwalifiki necessarji.

Illi r-rikorrent ma nghatax il-promotion minhabba t-twemmin politiku tieghu u dan seta' jikkonfermah aktar u aktar meta sema' lill-foreman tieghu s-Sur Carmel Camilleri jwieghed lill-kollegi tieghu, li kienu ta' twemmin politiku differenti, il-promotion imsemmija.

Illi r-rikorrent hass li l-istess foreman ghamillu hafna hsara specjalment mal-*“area engineer”* ta’ dak iz-zmien, li kien habib intimu tieghu.

Illi r-rikorrent sofra hsara morali kif ukoll finanzjarja minhabba dawn l-ingustizzji.

Illi r-rikorrent kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilmnet tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal biex jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ l-Ingustizzji, u li jinghata r-rimedju ghall-ingustizzji li sofra billi jigi kkumpensat b’mhux aktar minn Lm5000.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-Korporazzjoni Enemalta li eccepiet:
Illi permezz ta’ Cirkulari Numru 22/89 inharget sejha ghall-applikazzjonijiet lill-impjegati tal-Korporazzjoni ghal mili ta’ postijiet ta’ Works Technical Officer (Districts):

Illi ghal dawn il-postijiet kien hemm ghoxrin applikant fosthom ir-rikorrent.

Illi meta saru l-intervist mill-Bord ta’ l-Ghazla mwaqqaf mill-Korporazzjoni kkwalifikaw tlett impjegati skond l-ordni tal-Mertu kif ippubblikat f’Cirkulari Numru 31/94:

Illi r-rikorrent gie fl-ghaxar post f’dan l-ordni tal-mertu kif ippubblikat f’din l-istess cirkulari.

Illi l-Bord ta’ l-Ghazla agixxa skond kif provdut fil-ftehim Kollettiv, Appendici C bejn il-Korporazzjoni Enemalta u l-General Workers Union.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat u d-dokumenti esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra
**PROVI:**
Illi l-kaz in ezami jirrigwarda nuqqas ta' promozzjoni li ilmenta dwarha r-rikorrent Joseph Bartolo meta huwa ma nghatax il-promozzjoni ghal grad ta' Works Technical Officer Districts mal-Korporazzjoni Enemalta in segwitu tac-cirkolari 22 tal-1989. Wara li kienu saru l-applikazzjonijiet li gie nominat bord ta' l-ghazla u kienu kkwalifikaw 3 impjegati skond l-ordni tal-mertu kif kien gie ppublikat fic-cirkolari 31 tal-1994. Ir-rikorrent kien gie fl-10 post f'din l-ordni tal-mertu skond kif ippubblikat fl-istess cirkolari u l-intimat isostni li l-bord ta' l-ghazla agixxa skond kif provdut fil-ftehim kollettiv Appendix C esebit fil-process bejn il-Korporazzjoni Enemalta u l-General Workers Union.

It-Tribunal kellu l-opportunita` jezamina l-interviewing board' s reports kif ukoll allokazzjoni tal-marki li jinstabu a fol 4 sa 8 tal-process.

Ir-rikorrent ipprezenta affidavit a fol 25 u 26 tal-process fejn fih isemmi li hu dahal jahdem mal-Korporazzjoni Enemalta fit-22 ta' Frar 1986 bhala "cable jointer" u li ghadu jaghmel dan ix-xoghol sal-lum il-gurnata. Semma li hu jipposjedi certifikat ta' l-Electrical Installation City and Guilds A, B u C, kif ukoll il-"Journey's man certificate".

Semma li fl-1989, precizament f'April applika ghall-post ta' Works Technical Officer u liema applikazzjoni, ma kenitx tispecifika li l-applikant kellu bzonn xi kwalifiki specifici ghal dan il-post, pero` kien jidher li hemm xi enfazi fuq it-"Technical Qualifications in Electrical Engineering", li hu jippossjedi. Kienu baghatu ghalih ghall-interview izda effettivament ma giex maghzul. Il-post inghata lil Lawrence Zammit, John Caruana u John Vella. Sostna li mill-Appendix A1, jirrizulta li saret preferenza fis-sens illi

fil-kaz ta’ Lawrence Zammit inghata massimu ta’ 20% bhala subtotal ghall-kwalifiki u dan kif jirrizulta mid-dokument esebit.

Meta wiehed iqis dawn il-kwalifiki tieghu jinnota li F3 li hija l-kwalifika tas-City & Guilds Radio Part III ma ghandha x’taqsam xejn mal-post ta’ WTO Electricity Division u ghalhekk meta hadmu l-persentagg ghall-kwalifiki kellu jinghata anqas milli nghata u dan kien iwassal biex ikollu daqs ir-rikorrent. B’hekk kien ikollu 16 ukoll.

Sostna li mir-rizultati ta’ l-interview li kien sarilhom ghal post imsemmi kien inghata ghoxrin punt ghall-esperjenza, mentri ir-rikorrent inghata 16-il punt biss.

Semma ukoll li Mario Sultana jidher li kien jipposjedi biss il-kwalifika ta’ Licence A, waqt li r-rikorrent jipposjedi l-kwalifiki ta’ Journeyman’s Certificate City & Guilds A, B u C Certificate, Licence A u l-O Level Certificates u ghalhekk hass li hu ma giex moghti l-promozzjoni minhabba ragunijiet politici. Sostna li Lawrence Zammit kellu kulur politiku l-oppost tieghu.

Dwar kwalifiki semma li Lawrence Zammit kellu izda mhux daqs kemm kellu r-rikorrent. It-tnejn ghandhom il-journeyman` s certificate, waqt li r-rikorrenti ghandu l-1, 2 u 3 tas-City & Guilds fuq l-elettriku. Zammit kellu l-1, 2 u 3 tas-City & Guilds fuq Radio & TV. Dwar John Vella haseb li hu Nazzjonalist ukoll.

Xehed <u>Tony Mifsud</u> li kien ghamel zmien jahdem mal-Korporazzjoni Enemalta u kien driver mar-rikorrent. Semma li John Vella kien jointer bhar-rikorrent. Zied li ma jafx li r-rikorrent kellu xi kwistjoni mal-foreman Camilleri.

Xehed <u>John Aquilina</u> li jahdem bhala Labourer/Driver mal-Enemalta u qabel kien jahdem bil-karozza impressed mal-guy li kien immexxi r-rikorrent. Illum il-gurnata m’ ghadux direttament mieghu ghalkemm possibbli li jerga’ jispicca fix-xoghol mieghu. Gieli sema’ diversi nies ifahhru lir-rikorrent fuq xogholu. Qal li diversi drabi sema’ lil foremen jghid illi minghajr dan il-bniedem mar-rikorrent ma jahdimx

u infatti kien jghid "Alla hares jilhaq foreman hu ghax nispicca minghajru jiena."

Xehed Carmelo Bonello li kien ic-Chairman tal-bord nominat biex jaghmel ir-rakkomadazzjonijiet dwar l-applikanti. Ma ghandux idea tar-rikorrent. Hares lejn ir-rizultati u semma li jaghraf il-firma tieghu fuq id-dokument. Kien hemm 20 applikant li minnhom ghaddew 15. Ir-rikorrent gie l-10 wiehed. L-allokazzjoni tal-marki saru skond id-dokument a fol 7.

Dwar il-kwalifiki hu semma illi dawn gew stabbiliti bil-mod kif jidher fir-rizultat u mistoqsi dwar kienx hemm min gie klassifikat qabel ir-rikorrent ghalkemm kellu anqas kwalifiki mill-istess rikorrent fl-elettriku rrisponda li kienu allokaw il-marki bil-mod kif jidher u skond id-diversi kwalifiki li kellhom mhux biss fl-elettriku.

Dwar il-kaz ta' Lawrence Zammit hu kien jaqbez il-marki ta' 20 ghax kien jaqbez il-maximum pero` naturalment la kienu allokati 20 marka dan ma jistax jaqbizhom ghax kieku kien jinghata xi 24.

Xehed Joseph Mangion li ghandu l-kariga ta' Principal mal-Enemalta Corporation u dwar Lawrence Zammit qal li dan kien Fitter Electrical u ghalhekk zgur li kellu x' jaqsam mal-grad li applika ghalih. Hu esebixxa cirkolari ta' Works Technical Officer District. Semma wkoll illi t-Tribunal gja ddecieda xi kawzi ta' applikanti ohra konnessi ma' dan il-kaz. Wiehed minnhom huwa ta' Henry Buttigieg u li hemm ukoll il-kaz ta' Richard Gauci li ghadu ghaddej.

**KONKLUZJONIJIET:**

Ikkunsidra li hemm hafna x'jinghad dwar is-sistema ta' l-interview. Jibda t-Tribunal biex josserva li l-allokazzjoni tal-marki kif saret hija certament zbaljata. L-ewwelnett ghaliex ma sarx ezami bil-miktub kif l-istess membri tal-bord hassew li ghandu jsir. It-tieni aspett huwa ghaliex gew allokati 70 fil-mija tal-marki ghall-interview u cioe` element suggettiv b'mod li kollox jiddependi minn dak il-hin qasir li persuna taghmel waqt interview. It-tielet domanda hija ghaliex ma gewx ezaminati l-personal files

ta' l-applikanti, biex b'hekk wiehed jara sewwa l-posizzjoni fuq xi rapporti negattivi jew posittivi tal-applikanti kif ukoll sick leave u affarijiet konnessi? Ghaliex ir-raba' haga ma gewx ikkunsidrati elementi ohra bhal ma hija seniority?
Jigi issa t-Tribunal biex jezamina aktar fid-dettal ir-rizultat u hawnhekk it-Tribunal ihoss li ghandu jirrimarka illi apparti illi l-allokazzjoni tal-marki bhala tali hija certament zbaljata hemm ukoll numru ta' zbalji li jidhru facilment mill-istat ta' l-affarijiet. In fatti meta wiehed ezamina fuq Lawrence Zammit dwar kwalifiki dan fil-fatt kellu License A u mhux B u ghalhekk suppost inghata 3 marki fuq dak l-aspett izda fil-fatt inghata 6 marki ta' dan ghax gie mnizzel bhala C2 li tirriferixxi ghal License B u mhux License A izda bhala stat ta' fatt dan ma jaffettwax ghax hu gie moghti l-massimu u hekk jew b'hekk xorta wahda kien jaqbez il-massimu b'mod illi ghalhekk il-marka ma tistax titbiddel.

Fil-kaz ta' Henry Buttigieg li fil-fatt huwa failed li kellu Lisence B hu gie mnizzel bhala C1 u cioe` li ghalhekk gie moghti 3 marki u b'hekk gab it-total ta' 9 marki. Izda dan ma jaffettwax wisq ir-rizultat finali minhabba l-fatt li dan spicca failed.

Fil-kaz ta' John Caruana dan inghata B1 u B2 u cioe` 3 marki u 6 marki rispettivament b'total ta' 9 u b'hekk inghata 3 marki zejda ghax biex ikollok is-City & Guilds Part II bilfors irid ikollok il-Part I. Dan juri car u tond illi apparti mill-allokazzjoni tal-marki kienet wahda zbaljata anke l-workings ta' kif inhaddmu il-kwalifiki ukoll ihallu hafna x'wiehed jahseb.

Meta wiehed jigi ghal job expierence hawnhekk ukoll wiehed bilfors irid ikollu t-Tribunal jghaddi certa kummenti. Il-membri tal-bord l-anqas jaqblu bejniethom dwar ir-raguni u l-evalwazzjoni tal-marki f'dan il-kaz u dan minhabba l-kaz illi gieli gie uzata l-marka ghal kull sena ta' xoghol u gieli ghal konnessjoni diretta max-xoghol li sejjer isir. Ukoll kif jista' wiehed jaghmel evalwazzjoni proprja ta' job expierence jekk effettivament ma jkollux il-files ghad-disposizzjoni tieghu u jarhom?

Inholqot ukoll anomalija dwar kwalifiki u r-rizultat finali b'mod illi min gie l-ewwel fir-rizultat finali gie l-ewwel fil-kwalifiki, it-tieni fir-rizultat finali gie l-hames fil-kwalifiki, it-tielet fir-rizultat finali ir-raba' fil-kwalifiki, ir-raba' fir-rizultat finali l-erbatax fil-kwalifiki, il-hames fir-rizultat finali id-disa' fil-kwalifiki, il-hames fir-rizultat finali l-ewwel fil-kwalifiki u wiehed jista' jibqa sejjer fejn juri numru ta' diskrepanza izda l-aktar li din hija senjata hija fil-kaz ta' Mifsud Patrick illi huwa failed fir-rizultat finali izda gab il-massimu tal-marki ghall-kwalifiki u cioe` 20.

Dan kollu juri li ma hemm ebda korrelazzjoni bejn dak illi ghandhom bhala kwalifiki, dak illi nghataw bhala rizultat finali u dan specjalment ma gietx ikkunsidrata la s-seniority u l-anqas il-files personali ta' l-applikanti b'mod ukoll illi arbitrarjament gew allokati 70 fil-mija tal-marki ghall-interview u dan wassal biex allura l-marka ta' l-interview tkun deciziva. Infatti jekk wiehed ihares lejn il-kaz in ezami huwa mar hazin u spicca fl-10 post mhux minhabba l-elementi l-ohra izda sempliciment ghax fl-interview inghata 38 marka waqt li dawk li gew l-ewwel, it-tieni u t-tielet inghataw 60, 60 u 50 ghax bhala marki ghall-kwalifiki, waqt li l-ohrajn gabu 20, 18 u 19, hu gab 16. Waqt li bhala job expierence l-ohrajn gabu 4, 4 u 4 hu gab 2 u ghalhekk ma kienx hemm differenzi kbar izda d-differenza inholqot waqt l-interview.

It-Tribunal ukoll ihoss li ghandu jikkumenta dwar ir-rizultat ta' Mario Sultana li jgieghelek tahseb hafna. Dan bniedem li kull ma gab marki fuq element oggettiv kien ta' 3 minn 20 ghall-kwalifiki, pero` li tant gab rizultat strepituz ghall-bqija illi gab 10 minn 10 ghall-job expierence u 55 minn 70 fl-interview b'total ta' 68 u kklassifika fir-4 post. Li kieku ma kienx ghal fatt li l-ewwel 3 biss gew moghtija l-appointment dan it-Tribunal kien ihoss l-ilment gustifikat minhabba dak li ghadu kif intqal fuq Mario Sultana. Izda bhala stat ta' fatt, li kieku t-Tribunal kellu jimmodifika l-allokazzjoni tal-marki b'mod li jaghti aktar importanza lil kwalifiki xorta wahda ikun hemm problema ghar-rikorrent odjern fis-sens illi min gie l-ewwel, it-tieni u t-tielet gab aktar marki minnu u ghalhekk jekk jinghataw aktar marki

ghal kwalifiki, ir-rikorrent ibati biss jista' u ma jistax jiggwadanja.

Infatti ghalkemm ir-rikorrent jista' jghid illi bhala allokazzjoni tal-marki ma kenitx gusta u bhala l-fatt ir-ragunijiet li ssemmew precedentement xorta wahda jibqa' l-fatt illi biex jipprova li saret l-ingustizzja kif definita fil-Kapitolu 394 xorta wahda huwa necessarju li huwa jipprova illi sar apprezzament zbaljat li affettwah b'mod li hu kien jigi ma' l-ewwel tlieta, haga li fil-fehma tat-Tribunal ir-rikorrent ma rnexxilux jipruvaha.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jichad it-talba tar-rikorrent.

Minhabb n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.